**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance du Luxembourg (il-Belġju) fil-21 ta' Ġunju 2022 – SA Cezam vs État belge**

**(Kawża C-418/22)**

(2022/C 359/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance du Luxembourg

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* SA Cezam

*Konvenut:* État belge

## Domandi preliminari

1) It-tieni punt tal-Artikolu 62, l-Artikoli 63, 167, 206, 250 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1] u l-prinċipju ta' proporzjonalità, kif interpretat, b'mod partikolari, fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2019 EN.SA (C-712/17), moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 70, § 1 tal-Code de la TVA (il-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud), l-Artikolu 1 u l-Intestatura V tat-Tabella G annessa mal-arrêté royal n° 41 fixant le montant des amendes fiscales proportionnelles en matière de taxe sur la valeur ajoutée (id-Digriet Irjali Nru 41 li Jistabbilixxi l-Ammont tal-Multi Fiskali Proporzjonali fil-Qasam tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud), li bis-saħħa tagħha fil-każ ta' ineżattezzi kkonstatati waqt il-verifika tal-kontabbiltà fir-rigward tal-kontenut tagħha, sabiex jiġu ssanzjonati t-tranżazzjonijiet taxxabbli li ma ġewx irreġistrati, kompletament jew parzjalment, u fir-rigward ta' ammont ogħla minn EUR 1 250, il-ksur huwa ssanzjonat b'multa fil-forma ta' somma f'daqqa mnaqqsa b'20 % tat-taxxa dovuta, mingħajr ma huwa possibbli, għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa, li titnaqqas minnha t-taxxa tal-input, minħabba li din tal-aħħar ma tnaqqsitx peress li ma ġietx iddikjarata u meta skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 41, l-iskala ta' tnaqqis prevista fit-Tabelli A sa J tal-anness għal dan id-digriet hija applikabbli biss sakemm il-ksur issanzjonat ikun twettaq mingħajr l-intenzjoni ta' evażjoni jew li tiġi ffaċilitata l-evażjoni tat-taxxa?

2) Ir-risposta għad-domanda hija affettwata mill-fatt li l-persuna taxxabbli tkun ħallset l-ammont tat-taxxa dovuta, b'mod volontarju jew le, sussegwentement għall-verifika sabiex tirregolarizza l-pagament insuffiċjenti tat-taxxa u, għaldaqstant, mill-fatt li jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat il-ġbir eżatt tagħha?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2022 mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fis-27 ta' April 2022 fil-Kawża T-750/20, Correia vs KESE**

**(Kawża C-423/22 P)**

(2022/C 359/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Appellant:* Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) (rappreżentanti: M. Pascua Mateo, A. Carvajal García-Valdecasas, L. Camarena Januzec, aġenti, u B. Wägenbaur, Rechtsanwalt)

*Parti oħra fil-proċedura:* Paula Correia

## Talbiet

1. Tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 sa fejn tiddikjara t-talba għal kostituzzjoni mill-ġdid tal-karriera ammissibbli u tiċħad il-konklużjonijiet tal-appellant fl-ewwel istanza;